MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 1043/2008

Malta Shipyards Limited f'isimha u ghan-nom
ta' Manoel Island Yacht Yard
vs
L-Avukat Dottor Mark Busuttil u il-Prokuratur Legali
Liliana Buhagiar b'digriet tas-16 ta' April, 2009
nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw
lill-bastiment INGELAINE

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta attrici fl-14 ta' Ottubru, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti tinsab kreditrici tal-bastiment konvenut fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mija u disgha u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€21,179.16) valur ta' xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lill-istess bastiment INGELAINE fuq inkarigu tar-rapprezentanti

tieghu, kif jidhru dettaljati fl-invoice u s-sales statement hawn annessi u markati Dokumenti A u B.

2. Illi minkejja li l-fattura datata 18 ta’ Gunju 2008 intbaghtet lir-rapprezentant tal-bastiment, u inoltre l-esponenti interpellat lill-istess rapprezentant sabiex ihallas l-ammont hekk dovut, din il-fattura xorta baqghet ma thallsitx.

3. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti l-bastiment konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-bastiment konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

i. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

ii. konsegwentement tordna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lill-esponenti s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf mija u disgha u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€21,179.16) valur ta' xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija fuq l-istess dghajsa INGELAINE kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' Impediment ta' tluq tal-Bastiment u tal-Mandat ta’ Qbid prezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skond l-artikoli 26A sa 26E tal-Kodici tal-Kummerc u d-direttiva 2000/35EC, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-bastiment konvenut, li jibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat l-affidavits ta’ Victor White u ta’ Andrew Wilson;

Rat illi fis-seduta tal-lum deher il-kuratur deputat Dr Mark Busuttil u iddikjara illi peress illi huwa m’huwiex edott mill-fatti ma ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Semghet lil Victor White, ghas-socjeta attrici, jiddikjara illi l-bastiment konvenut baqa’ ma hallas xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf mija u disgha u sebghin Ewro u sittax-il centezmu (€21,179.16) valur ta' xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija lill-bastiment INGELAINE kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------